MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 195/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet**
**ta' l-assigurat taghha Carmel Sammut abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess**
**Carmel Sammut [466562 (M)]**

**Vs**

**Mary Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u wiehed u disghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm491.62c)

rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f'kollizjoni li sehhet fit-3 t'April, 2003 fit-8.30 ta' filghodu fi Vjal Santa Lucija, Tarxien bejn il-vettura ta' Carmel Sammut bin-numru ta' registrazzjoni LCG 787 u dik misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni GAQ 631.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata ma resqitx Risposta u li ghalkemm dehret personalment fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2005 u giet koncessa terminu ta' ghoxrin (20) gurnata minn dakinhar biex tressaq Risposta formali fir-Registru, hija naqset milli taghmel dan ghalkemm infurmat lit-Tribunal li ghamlet *claim* mas-socjeta' Elmo Insurance Limited.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda ta' PS 1257 Conrad Ellul.

Ra li gie pprezentat Kapitolu u li l-konvenuta ghalkemm imsejha tlett darbiet ma dehritx biex tirrispondi ghalih u ghalhekk qed jigi meqjus bhala mistqarr.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fit-3 t'April, 2003 fit-8.30 ta' filghodu Carmel Sammut li kien qed isuq vettura LCG 787 kien qed idur mar-roundabout mentri l-vettura GAQ 631 kienet appik li tidhol fuq ir-roundabout.

Gara wkoll illi l-vettura GAQ 631 dahlet ghal fuq il-vettura LCG 787 misjuqa mill-attur meta skond il-ligi kienet obbligata li ccedi ghalih.

Huwa maghruf, illi f'roundabout, it-traffiku li jkun gja' fuq ir-roundabout ghandu l-precedenza u li min behsiebu jidhol ghal fuq ir-roundabout ghandu jaccerta li qabel ma jaghmel hekk jista' jidhol fuq ir-roundabout minghajr ebda xkiel jew ostakolu ghal traffiku iehor.

Huwa evidenti li l-konvenuta naqset milli taghmel dan u ghalhekk ghandha terfa' r-responsabbilta' kollha ghall-incident.

Id-danni mitluba fil-kawza huma sostanzjati mid-dokumenti esebiti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u wiehed u disghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm491.62c) bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------